# MASTRU ANTONIO CATANIA (1828-1904) : SKULTUR FL-INJAM LI GHAMEL ĠIEĦ LIR-RABAT U L-PARROCCA TAGĦNA.

*Minn Mark Fenech Vella.*



*Ritratt tal-altar maġġur armat bil-ġilandra, raġġiera, tużell u kandilabri t'A. Catania. (Ħajr: Kan C. Cefai).*

Fost il-ħafna artisti Rabtin-Pawlini li nsibu fis-seklu l-ieħor u li kkontribwew b'xogħlhom u b'ħidmithom, insibu lill-imgħallem Antonio Catania, bin il-mastru Francesco Catania. Mill-familja Catania, barra dawn it-tnejn, nafu xi ftit ukoll fuq Dun Franġisk Catania - sacerdot fil-parrocca u Salvatore Catania, attiv għal ħajtu kollha fil-Arcikonfraternita' tas-Santissimu Sagrament. Fosthom kollha l-aktar li sinonimu mal-Kolleġġjata tagħna, insibu lin-nutar Francesco Catania li jiġi eżattament bin dak li fuqu qed niktbu dan l-artiklu.

## ĦAJTU

Twieled fit-3 ta' Frar tal-1828 minn Francesco u Caterina nee' Seguna. Trabba f'ambjent nisrani u l-ewwel edukazzjoni tiegħu ħadha fil-Belt Valletta, fejn kienu ftit skejjel f'dawk iż-żminijiet. Iżżewweġ lil Marianna Xuereb u miż-żwieġ tagħhom kellhom 3 itfal. Tgħammed l-għada ġewwa l-Proto-Parrocca. Iżżewweġ nhar it-13 ta' Lulju 1869 fl-eta' ta' 41 sena. (1) Huwa miet fid-19 ta' Ġunju 1904 fl-għomor ta' 76 sena fid-dar tiegħu "Via Nuova" (faccata tal-bieb taz-zuntier, kantuniera ma' Triq Gużmana Navarra). Huwa ġie midfun fl-20 ta' Ġunju fil-kappellun ta' San Stiefnu, qabar Numru 4 li kien l-qabar tal-familja Catania. (2)

L-ewwel ħajra u tagħlim fl-iskultura Antonio ħadhom mingħand missieru li kien ukoll skultur. L-akbar u l-unika xogħol estern li nafu li ħadem missieru Francesco hu l-Ark Trijonfali ta' qabel dan li għandna llum li nħadem minn mastru Francesco Spiteri fl-1871. Jista jkun li mastru Antonio Catania ddisinja l-ark ta' llum għalkemm s'issa ma nafux fic-cert. Li hu żgur hu li l-ark ta' llum inħadem fl-injam minn Francesco Spiteri kif jidher fil-firma tal-kont. L-ark li fuqu qed nitkellmu u li missier Antonio, cioe' mastru Francesco ħadem, jissemma' fl-'Osservatore Maltese' tal-1844. Il-Gazzetta tgħidilna li 'nelle vicinanze della chiesa innalzavarsi un grande Arco illuminato da ambe le parti, disegnato dal maestro Giuseppe Spiteri, eseguito da maestro Francesco Catania, e dipinto da maestro Felic Bonello'. Dan jurina li fl-antik kienet l-użanza popolari fil-festi Maltin li jintramaw arki trijonfali. Kienu ukoll jintramaw arki żgħar bħal dak li jintrama illum fejn il-kulleġġ (li qiegħed fejn il-pjazza, in-naħa tal-plancier) u dak li jintrama fi Strada Vittoria. F'dawk iż-żminnijiet fejn il-knisja ta' San Katald kien jintrama' ark u ieħor fit-tarf ta' triq il-Vittorja. (2) F'referenza antika ta' arki trijonfali fir-Rabat insibu kontijiet tal-1821 biex jinxtelgħu l-lampi biż-żejt (lampi di cristallo). (3)

F'din in-nota fuq l-isfond familjari wieħed irid jgħid li l-għeruq tal-familja Catania huma fondi tant li missier Anton, Mro Franġisk kien prokuratur ma' Paolo Galea bejn l-1832 u l-1842 u rettur bejn l-1842 u l-1846, l-1849 u l-1851, l-1857 u l-1860, l-1864 u l-1867. Salvatore kien rettur bejn l-1870 u l-1874 kif ukoll bejn l-1880 u l-1882 filwaqt li għal bqija ta' ħajtu meta ma kienx

jokkupa din il-kariga kien jokkupa l-kariga ta' depożitarju (bħal kaxxier ta'llum) tal-istess Arcikonfraternita' tas-Sagrament filwaqt li Mro Antonio kien prokuratur ma Francesco Dei Conti Manduca bejn l-1860 u l-1862 u rettur bejn l-1862 u l-1864. (4)

Dettall ħelu li jeħodna meta Antonio kien tifel hu l-fatt li huwa kien li ħawwel is-siġar tac-cipress li hemm illum madwar l-għolja ta' San Pawl jippriedka (magħruf fost ħafna bħala San Pawl taż-żurżieħa taz-zuntier). Aktar qabel dawn ġew mxettla minn Salvatore, missier il-mejjet Dun Franġisk Catania. Meta Anton ra li kibru sew, huwa ħadhom mid-dar tal-ġenituri u ħawwilhom fiz-zuntier. Dawn is-siġar issa għandhom il' fuq minn mitt sena. (5)

## L-ISTUDJI F'RUMA U ĦBIBERIJA MA' PATRI BONELLI

Wara li l-ewwel formazzjoni ħadha mingħand missieru li kif diġa' semmejt kien skultur u mastrudaxxa ta' ħila, Anton mar jistudja l-iskultura f'Ruma.

Il-Kanonku Dun Ġwann Azzopardi, Kuratur tal-Mużew Wignacourt u l-Mużew tal-Kattidral u r-ricerkatur ewlieni tal-istorja tal-Knisja Proto-Parrokkjali tar-Rabat, semmili l-ħbiberija li kienet teżisti bejn Patri Bonelli u Mastru Anton Catania. Sfortunatament, il-korrispondenza twila li kienet għaddiet bejn Patri Bonelli u Anton li Dun Ġwann kellu x-xorti jeżamina, tidher li ntilfet. Din il-korrispondenza bdiet wara li Anton ġie lura minn Ruma. Baqa' biss kkonservat il-ktieb fost kollezzjoni ta' kotba li ħalla b'wirt lil kolleġġjata ibnu n-nutar Francesco Catania, ktieb miktub minn dan il-Patri Bonelli u mibgħut b'dedika lil Anton. Infatti fuq il-ktieb maħruġ fl-1879 issib il-kliem bil-pinna minn Bonelli, 'Omaggio P Bonelli al Sig. Antonio Catania'. Dan il-ktieb huwa 'Memorie Storiche della Basilica Costantiniana dei SS. XII Apostoli di Roma' u jitkellem fuq 'i nuovi restauri'. Patri Bonelli li twieled u kien mir-Rabat kien joqgħod Ruma fil-Kunvent tal-'Chiesa dei Dodici Appostoli' fejn hu kien il-prokuratur ġenerali u li skava l-iġsma ta' San Filep u San Ġakbu. Huwa kien jakkomoda lil dawk il-Maltin li kienu jkunu jistudjaw Ruma, biex hekk joffrilhom akkomodazzjoni rħisa filwaqt li jtihom il-pariri u l-inkoraġġiment meħtieġ. Fost dawn il-Maltin li akkomoda insibu lil-istess Antonio Catania u aktar tard lil Lazzaro Pisani. (6) Forsi aktar minn triq li dan l-istudjuż Rabti għandu fir-Rabat, jixraqlu studju aktar profond biex il-poplu Rabti u Malti japprezza lil nies li għamlulu unur barra minn pajjiżu. Biżżejjed forsi nsemmu li l-istudjuż Patri Gio. Antonio Bonelli (1819-1882), patri franġiskan tal-Minuri Konventwali għex fil-kunvent tar-Rabat Malta fejn hu daħal bħala novizz u wara mar Catania, Assisi u Ruma. Huwa ġie maħtur gwardjan, reġġent tal-istudji, prokuratur ġenerali u għal xi żmien għamilha ta' ġeneral tal-Ordni tal-Franġiskani Konventwali. Ippriedka diversi drabi fil-kappella Sistina quddiem il-Papiet Gregorio XVI u Pio IX kif ukoll fi bliet oħra tal-Italja. (7)



*Disinn tat-Tużell maħdum minn Antonio Catania*

## ARMAR GHALL-ALTAR MAĠĠUR

L-Altar Maġġur l-antik tal-festa ta' Corpus Domini ta' San Pawl tar-Rabat huwa xogħol ta' Mastru Anton Catania. L-Altar jikkonsisti fil-ġilandra, gandilabri, armi u emblemi, żewġ anġli, l-ventartal u t-tużell: kollu xogħol bi skultura fl-injam. Minn dan kollu baqa' jintrama' biss it-tużell maestuż. Il-ġilandra qiegħda fil-maħżen tas-sagrament u tintuża għal festi liturġici bħal Milied, l-istess il-gandilabri li tneħħewlhom il-kornukopji biex ġew kandlieri normali u llum il-prima u s-sekonda jintramaw fil-festa ta' San Pawl, t-terza fl-artal ta' San Stiefnu filwaqt li l-kwarta tinrama' quddiem l-istatwa ta' San Pawl meta jkun fin-nicca. Minn dawn is-sitt bicciet, tlieta minnhom (ir-raġġiera, it-tużell u l-emblemi nafu fiż-żgur li huma tal-imsemmi Catania, l-oħrajn, cioe' l-ġilandra, l-gandilabri (li illum ġew trasformati f'kandlieri), l-ventartal u l-anġli għadna ma sibniex dokument li juri fic-cert li kienu ta' Catania. Il-probabilita hija li jekk ma hemmx tracca fil-kontijiet 'Libro d'esito dell Arciconfraternita' SSmo Sagramento' allura jew tħallas b'ircevuta separata, jew rregalhom b'xejn u ħadimhom wara u apparti mix-xogħol tiegħu. L-unika ħlas li rcieva kien ta' 60 skud tal-Medaljun, l-armi u xogħol ieħor fl-injam li ħadem għal-altar maġġur l-antik u li ritratt tiegħu qed jidher f'dan l-artiklu. B'kollox qamu 300 skud. (8) Dokument li juri fic-cert li t-tużell hu tiegħu hu d-disinn oriġinali li ġie pprezentat mir-rettur tal-Arcikonfraternita' del Conti Manduca lill-kummissjoni tal-arti Sagra tal-Kurja. Ma Mastru Anton ħadem il-mastrudaxxa Francesco Spiteri (li ħadem l-Ark Trijonfali tal-lum) u l-induratur Gann Busuttil. Interessanti l-kumment ta' taħt il-pjanta li Mro Anton għamel u li fuqha Profs Galizia għamel dan il-famuż kumment li s'issa ftit għadu ġie apprezzat. Dan il-kumment jaqra' hekk:
'Quando il signore Francesco dei Conti Manduca ha chiesto la mia opinione intosso a questo disegno di un baldacchino (colgamente appellato 'Tozell') concepito dall' artista Sig. Antonio Catania del Rabbato della Notabile, non posso far ameno di non arcomiase il concetto ed il buon gusto dello stesso: La varieta' nell assieme del medesimo ed'eleganza degli ornati promettono che il baldacchino niesce di grande effetto: ed ore mai l'esecuzione venisse affioatta alle penitissime mani dallo scultore suddetto sono certo che il disegno, messo in opera incontesa senza dubbio l'Approvazzione degli Intelligenti!
Valletta 29 Novembre 1876
Prof. Galizia.

U dak il-kumment żgur li kien profetiku għaliex sal-lum nistgħu nammiraw ix-xogħol fin u eżatt li fih dan it-tużell. Huwa wieħed mill-isbaħ tużelli li hawn f'dawn il-gżejjer. Jixbħuh imma saru warajh insibu it-tużell tal-festa taż-Żejtun, ta' Ħal Balzan u tal-Furjana. Huwa tant bilancjat, li m'għandux bżonn ventijiet. Id-disinn ta' dan it-tużell kien għal bejgħ fl-irkant u l-pittur Toussaint Busuttil xtrah u rregalah lil Kapitlu tal-Proto Parroċċa. Konsegwentament illum dan jinsab esebit fl-istess mużew tal-parroċċa, Wignacourt Museum. (9)

## UNUR MILL-'PORTAFOGLIO MALTESE' GIUGNO 1864

Li dan ir-rappurtaġġ u kritika kostruttiva inkitbu minn kritiku tal-arti mkisser fis-suġġett m'hemmx l-icken dubbju dwaru. Il-fatt li uża kliem tekniku, deskrizzjoni dettaljata u eżatta, Taljan tajjeb kif ukoll il-fatt li l-maġġoranza l-kbira tal-poplu ma kienux la jafu jiktbu u lanqas jaqraw jagħtina aktar x'nifhmu li l-kritiku verament kien kritiku tal-arti li apprezza l-valur għoli ta' xogħol sabiħ kollu fl-injam li Mastru Antonio Catania kien spicca. Filwaqt li aħna nafu żgur fuq ir-raġġiera li l-gazzetta turi car li hija tiegħu u li aħna nafu bid-dokumenti fuq it-tużell u l-emblemi, l-gazzetta tixħed bħal dubbju fuq il-gandilabri u l-ġilandra. Għalkemm la tichad u anqas tikkonferma li huma tiegħu għalkemm s'issa dejjem ġew attribwiti lilu. Il-gazzetta tgħid il-folla Maltija li telgħet bħas-soltu r-Rabat għall-ikbar festa mhux biss fir-Rabat imma 'in tutta Malta'.

Il-folla ammirat din l-opra li qisha kienet 'di alcun artista del cinquecento'. Il-gazzetta tgħid li come negli intagli e nella doratura, di una sola persona, cioe' dei giovane Signor Antonio Catania della Notabile, gia' noto per altri sempre belli lavori di tal genere!' (10) Dan ifisser li kien ġa ħadem xogħlijiet sbieħ u t'arti oħrajn li peress li dan hu l-ewwel studju fuqu ma għandniex nafu li huma għaliex żgur li ħadem xogħlijiet barra r-Rabat fi knejjes, djar u palazzi.

## XOGHLIJIET OHRA FIL-KNEJJES

Fost ix-xogħlijiet li sibt li Mastru Anton ħadem, hemm l-iskultura tat-tużell ta' kuljum. Din tħallas tagħha b'6 skudi fil-waqt li l-induratur Giovanni Busuttil tħallas 21 skud 16 tari. (11) Għal Kattidral Metropolitan tal-Imdina, Catania ħadem 4 relikwarji li tnejn minnhom ġew esposti fil-wirja li saret din is-sena fl-istess mużew. Insibu li fit-28 ta' Marzu 1854 il-kapitlu tal-Katidral ħallas 42 skud u 6 tari lil iskultur A. Catania tax-xogħol tar-relikwarji tal-ebbanu. Id-deċiżjoni biex isiru dawn ir-relikwarji ttieħdet fl-1854 tant li fit-28 ta' Marzu tal-istess xahar ircieva l-ħlas. (12)

Għal kappella ta' Sant'Agata Mastru A. Catania ħadem il-ventartal u li kopja tal-kont tinsab fil-Mużew tal-istess kappella. Kien qam 22 lira u żżanżan fit-2 ta' Frar 1894 kif rappurtat fil-'The Malta Chronicle' fejn insibu li "this year a beautiful altar front of the 15th century style will be among other things presented by the Most Noble Baron of Budak, the procurator of the said church", (The Malta Standard 2/2/1894). Dan il-ventartal fih ħames figuri fin-nofs, il-martirju ta' Sant' Agata - imdawra mill-Manigoldi u fil-ġnub, Santa Venera u Santa Lucija, San Publiju u San Katald. Din is-sena fid-29 ta' Jannar għalaq mitt sena it-tabernaklu li sar fl-1895 li kif wieħed jista jara iżżanżan sena eżatt wara li żżanżan il-ventartal. Għalkemm hu attribwit lill-Mastru Catania, s'issa għadu ma nstabx il-kont u l-irċevuta bil-firma tiegħu bħal dak li hemm fil-ventartal. Dan it-tabernaklu għandu forma ta' torri tad-deheb - xogħol fl-injam indurat u ta' forma mhux komuni. (13)



*L-istatwa ta' San Pawl, waħda mis-sett t'Appostli, xogħol Antonio Catania (1876) Ritratt: P. Sammut*

## XOGHLIJIET F'ARMAR ESTERN GHAL FESTI PAWLINI

Fost ix-xogħlijiet sbieħ li għadna ngawdu u li kienu saru fis-seklu l-ieħor insibu l-istatwa tal-Konti Ruġġieru li saret wara li twaqqfet il-banda Konti Ruġġieru fl-1869, il-banda li ddoqq għal dawn il-festi Pawlini ta' Corpus Domini u San Pawl. L-irjus taż-żiemel u tal-Konti huma skolpiti fl-injam mill-istess Catania filwaqt li l-kumplament hu tal-kartapesta' u sar mid-dilettanti Rabtin-Pawlini taħt il-gwida tal-istess Catania. Din l-istatwa li titwassal bil-marċ nhar il-ġimgħa tal-festa ta' San Pawl tintrama' bħas-soltu fuq il-palk (forma ta' monument) tal-Pjazza, eżattament mal-ġenb tal-knisja Parrokkjali. Fl-antik anke saqajn iż-żiemel kienu ta' l-injam iżda maż-żmien inbidlu b'ħadid u kartapesta. (14)

Armar li illum il-ġurnata tbiddel huwa s-sett

Appostli li kien hemm qabel dawk ta' llum. Dawn kienu saru fl-1876. Magħhom saret l-istatwa ta' Kristu Ewkaristiku magħruf fost ir-Rabtin bħala 'Kristu tal-Ħobża'. (15) Fortunatament l-istatwa ta' Kristu tal-Ħobża ma ntmessgħetx u għadha ppreservata fil-Mużew Wignacourt, filwaqt li fadal biss wieħed mis-sett ta' Appostli. L-irjus u l-idejn ta' dawn huma kollha ta' l-injam. (16)

Huwa fatt interessanti li f'dawk iż-żminijiet tas-seklu dsagħtax (1750-1880's) fir-Rabat kien hawn ħafna mgħallmin u nies tas-sengħa u għalhekk barra mix-xogħlijiet t'arti sagra, ħafna mill-armar estern kien isir minnhom ukoll. Kien għalhekk pass f'waqtu li informazzjoni dokumentata tiġi għall-ewwel darba murija d-dawl tax-xemx filwaqt li informazzjoni verbalizzata li karkret matul is-snin tiġi miktuba biex ma tintesiex mill-ġenerazzjonijiet li għad jiġu.

Bħalma nkiteb fuq l-Imgħallem F. Spiteri f' 'Il-Festi Tagħna' tas-sena 1993, fuq sieħbu Mastru Anton Catania jrid jingħata l-istess apprezzament: xogħolhom huwa riżultat tal-kult ħaj reliġjuż tal-apprezzament ta' dawn il-gżejjer, poplu Kristjan sa mill-qedem li wera' l-għożża lejn twemmin billi mela l-knejjes u t-toroq b'tiżjin mill-aqwa. Il-wirt li ħallewlna hu patrimonju tagħna lkoll li b'artikli bħal dawn tista tinħoloq kuxjenza ta' apprezzament mhux biss lejn l-opri t'arti u skultura li ħallew warajhom, imma lejhom li ħadmuhom u ippriżervawhom biex għadhom jitgawdew minna sal-lum.

**NOTA:** Nixtieq nirringrazzja lil Dun Ġwann Azzopardi li ndikali d-dokumenti tal-ħlas li Antonio Catania ħadem għall-Katidral tal-Imdina. Grazzi wkoll lil Joe Scerri li għinni fir-ricerka vasta fil-Museum Wignacourt u lill Ms. Margaret Goggi li b'pacenzja kbira ta' kull sena tittajpjali l-kitbiet tiegħi.

**REFERENZI:**


1) *ARKIVJU TAL-MUSEUM TAL-KATIDRAL - MDINA.*
2) *Liber Defunctorum. Arkivji ta' S. Pawl Rabat.*
3) *Libro d'esito dell Arciconfraternita' del SSmo Sagrament, S. Pawl Rabat - 1795-1846.*
4) *Mill-Ktieb ta' Tifkira tar-Raba' Centenarju mit-twaqqif tal-Arcikonfraternita' SSmu Sagrament - 1575-1975.*
5) *Informazzjoni mogħddija minn Ġużeppi Scerri - membru tal-Kumitat Festi Esterni.*
6) *Informazzjoni mogħtija min Dun Ġwann Azzopardi.*
7) *Mill-Ktieb tal-PERSUNAĠĠI MALTIN - ROBBIE MIFSUD BONNICI.*
8) *Libro d'esito del SSmo Sagrament - Wignacourt Museum, Rabat.*
9) *Artiklu fuq Mastru Francesco Spiteri : "Il-Festi Tagħna - 1993"*
10) *Portafoglio Maltese - Ġunju 1864.*
11) *Libro Conti Venerante Lampada della Chiesa 1881-1908.*
12) *Arkivji MUSEUM TAL-KATIDRAL.*
13) *Artiklu miktub minn Dun Victor Camilleri M.S.S.P. - "Leħen is-Sewwa" - is-Sibt 4 ta' Frar 1995.*
14) *Informazzjoni mogħtija minn Lawrence Buġeja - Vici- President Kumitat Festi Esterni*
15) *Ara "Il-Festi Tagħna" 1993.*
16) *Ara "Il-Festi Tagħna" 1993.*




*Ras iż-żiemel tal-istatwa tal-Konti Ruġġieru, mqatta fl-injam minn Antonio Catania.*